MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 2439/1997/1

**Infomate Limited**

**Vs**

**S.M.S. Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill dik attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u hamsin lira u erba' u tletin centezmu (Lm358.34c) rapprezentanti l-prezz ta' Interglobe Prepaid Cards lis-socjeta konvenuta mibjugha u kkonsenjati.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra uficjali tal-10 ta' Lulju 1997, u bl-imghax legali mit-13 ta' Lulju 1995, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 4 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi micuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi s-somma pretiza mhix dovuta, ladarba l-"Interglobe Prepaid Cards" ma jistghux jigu wzati ghall-iskop li nxtraw, u cioe li jigu wzati fl-Italja, kif ammess maill-attur stess u kif spjegat fl-ittra ta' 28 ta' Lulju 1997 ammessa markata Dok A.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti annessa mal-istess nota ta' eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi skond kif spjega Alfred Galea (fol 9 u fol 39 et seq ibid) u dan bhala direttur tas-socjeta attrici, din kienet bieghet lis-socjeta konvenuta numru ta' 'Interglobe pre-paid cards" ossija "International telephone Cards' liema bejgh jidher li gie effettwat fl-1 ta' Marzu 1995 u kellu, bhala konsiderazzjoni prezz ta' Lm324. Filfatt dan il-prezz gie imhallas u, sussegwentement, f'Gunju 1995 l-istess socjeta konvenuta xtrat kwantita ohra tal-istess prodotti, liema bejgh sar fit-28 ta' Gunju 1995, bil-prezz ta' Lm540 (ara l-fattura a fol 14 tal-atti). Din id-darba, pero' u wara insistenza da parti tal-istess socjeta attrici, kien sar pagament, akkont ta' Lm240. Inoltre is-socjeta attrici kienet ircieviet talba minn fergha tal-istess socjeta konvenuta sabiex din tigi supplita, urgentement, b'wiehed mill-istess prodotti, waqt li l-istess sojceta attrici giet infurmata li l-ebda wiehed mill-istess prodotti gja mixtrija kien disponibbli. In rigward dan, il-prezz ta' din il-'card' ma kienx gie imhallas ukoll. Dwar din il-kwistjoni kienu saru diversi inkontri ma rappresentanti tas-socjeta konvenuta, specifikata Joseph Sacco u Ronald Azzopardi, b'dan tal-ahhar jiffirma, ukoll, l-fattura, gja msemmija, a fol

14 tal-atti. Hawnhekk, ix-xhud kien gie infurmat li s-socjeta konvenuta kienet "over optimistic' in rigward il-bejgh, lil terzi, tal-istess prodotti waqt li s-socjeta konvenuta kellha "a management problem', fil-fergha indikata. Inoltre s-socjeta konvenuta kienet talbet zmien sabiex jsir il-pagament. Pero, madwar tnax-il xahar wara li kien sar, effettiwat, il-bejgh, is-socjeta attrici kienet irceviet zewg ilmenti. Wiehed minnhom kien jirreferi ghal 'card' partikolari li effettivament ma kienetx giet attwata. Inoltre, in rigward l-istess prodotti, ix-xhud kien gie informat li kien hemm problemi fl-uzu tal-istess 'cards' fl-Italja b'mod specjali, in rigward tnejn minnhom. Dwar dan, kien gie spjegat lilu da parti tad-ditta fornitrici barranija illi fil-perijodu in kwistjoni fl-Italja, kienet qed tigi adottata sistema ta' telefonija aktar moderna u bhala konsegwenza dawn il-'cards' setghu jintuzaw biss, fit-telephone boxes' fejn is-sistema gdida kienet bdiet topera.

Ikkunsidrat

Illi da parti tas-socjeta konvenuta gew prodotti s-segwenti provi:-

a) Joseph Sacco gja msemmi, u direttur tas-socjeta konvenuta kien semma (fol 18 et seq ibid) li mill-'cards' in kwistjoni l-ewwel ordni u konsenja kienet kollha kemm hi, mibjugha lill-klijenti tal-istess socjeta. Hawnhekk kienet saret it-tieni ordni li ghaliha qed tirreferi din l-azzjoni. Filfatt, pero' mal-wasla tal-ewwel grupp lura f'Malta mill-Italja hu sar jaf li l-istess klijenti kellhom problemi fl-uzu taghhom, kif spjegat fl-istess xhieda. Meta kien ghamel kuntatt ma Alfred Galea (ara supra) dan kien informah illi, effetivament, kien hemm problema, fl-Italja, minhabba '… sistema ta' telefons antiki li hemm'. Inoltre meta s-socjeta konvenuta kienet baghtet lura lil dik attrici l-istess 'cards' din kienet baghtithom lura u filfatt kienu ghadhom fil-pussess tas-socjeta konvenuta. B'kollox kien ghad hemm , fil-pusess tas-socjeta konvenuta hamsa u ghoxrin 'card' ta' Lm12 u hamsa ta' Lm6. (ara z-zewg kampjuni ta' 'cards' esebiti mill-istess xhud a fol 22 tal-atti u markati 'Dok JS').

b) Ronald Azzopardi (fol 24 et seq ibid) permezz ta' 'affidavit' spjega li hu kien direttament involut fin-negozju in kwistjoni cjoe ix-xiri da parti tas-socjeta konvenuta tal-'cards' in kwistjoni. Difatti, hu kien ordna ammont sostanzjali mill-istess 'cards' u kien beda jbieghom lill-diversi klijenti sejjrin f'destinazzjonijiet differenti. Hu kien ra li fuq l-istess 'cards' kien hemm l-'International access number' tal-Italja u, b'hekk, kien fehem li setghu jintuzaw minn klijenti sejrin l-Italja. Ghalhekk, hu kien ghamel ordna ohra minghand is-socjeta attrici, tal-istess 'cards' u dan ghal grupp partikolari li kien ser jzur l-Italja. Pero, meta l-istess grupp kien irritorna lura f'Malta, jew mitluba lura l-flus gja mhallsin peress li '…. Ma kienux tajbin biex jintuzaw fl-Italja peress li uhud mill-passiggieri pruvaw juzaw, dawn il-'cards' fit-'telephone booths' minghajr success. Filfatt, ix-xhud accetta li jirrifondi l-flus gja mhallsin. Inoltre kien ghamel l-kuntatt mas-socjeta attrici dwar il-premess izda din ma accettatx li tiehu lura l-'cards' rimanenti.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-fatti in esami, mill-istess provi irrisulta li s-socjeta attrici kienet bieghet u kkonsenjat kwantita ta' 'Interglobe pre paid cards' lis-socjeta konvenuta. Pero is-socjeta' konvenuta qed tecepixxi li l-bilanc ta' prezz pretiz fl-avviz ma hux dovut peress li l-istess 'cards' ma setghux '….. jigu uzati ghall-iskop li nxtraw u cjoe li jigu uzati fl-Italja ….".

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, ghandu jinghad illi s-socjeta konvenuta kellha disponibbli zewg rimedji skond il-ligi cjoe:-

1. dak disponibbli skond l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili meta ssir konsenja ta' oggett mixtri u dan mhux skond il-kwalita' pattwita bejn il-partijiet.
2. Dak stipulat fl-artikolu 1424 sa 1431 tal-istess Kodici f'kaz li l-oggett mibjugh jkun soggett ghal difett jew difetti mohbija li jnaqqsu l-valur tal-istess oggett jew li

jirrendi l-istess oggett inidonew ghal uzu li ghalih kien intiz.

Illi fiz-zewg kazijiat imsemmija, ir-rimedji huma disponibbli ghal kompratur dejjem ‘per azione’ u mhux per eccezione kif sar fil-kaz in esami.

Illi, filfatt, ma tistax tigi akkolta l-eccezzjoni kif sottomessa mis-socjeta konvenuta’ in vista li din tista’ tinkwadra ruhha fl-artikoli 1424 et seq hawn fuq citati u r-rimedji disponibbli, fl-ambitu taghhom huma l-‘actio redubitoria’ u l-‘actio estimatoria’ kif specifitati fl-artikolu 1427.

Illi, ghalhekk, l-eccezzjoni proposta mill-istess socjeta konvenuta ghandha tigi respointa fuq basi ta’ irritwalita stante li dak eccepit jista’, biss, jigi propost permezz tal-azzjoni skond il-ligi.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, a basi ta’ dak premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta abasi tal-provi u fatti kif esposti u f’nuqqas ta’ xi eccezzjoni ohra.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm358.34,0 bl-imghax legali mit-13 ta’ Lulju 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Lulju 1997.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------